Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/5113

22.9.2025

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU**

**tad-9 ta' Lulju 2025**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom**

**(BERS/2025/6)**

(C/2025/5113)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 458 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li jiġi kkumplimentat l-għarfien meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni b'reċiproċità volontarja.

(2) Il-qafas dwar reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stipulati fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]) għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru ([6]) wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2019 ([7]) inkorporat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Ir-Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li introduċa emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2024 ([9]). Ir-Regolament (UE) 2021/558 issa japplika fin-Norveġja.

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1092/oj.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.
([4]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).
([6]) Il-punt (a) tal-paragrafu 14 u l-punt (a) tal-paragrafu 14a. tal-Anness IX għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jistipula li t-termini "Stat(i) Membru(i)" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, minbarra t-tifsira tagħhom fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.
([7]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2019 tad-29 ta'Marzu 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/2133] (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 170, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2133/oj).
([8]) Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' aġġustamenti għall-qafas ta' titolizzazzjoni bħala appoġġ għall-irkupru ekonomiku b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/558/oj).
([9]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/2433] (ĠU L, 2024/2433, 3.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2433/oj).

(4) Mill-31 ta' Diċembru 2020, l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja kienu soġġetti għal: (a) riżerva għal riskju sistemiku applikabbli għal skoperturi li jinsabu fin-Norveġja applikata b'rata ta' 4,5 %, skont l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE; (b) limitu minimu ta' 20 % applikabbli għall-ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għal skoperturi għal proprjetà immobbli residenzjali li jinsabu fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB)); u (c) limitu minimu ta' 35 % għal ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għal skoperturi għal proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d) (iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ IRB). Dawn il-miżuri bħalissa huma inklużi fil-lista ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali li huwa rrakkomandat li jiġu reċiprokati skont ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2.

(5) Fid-19 ta' Diċembru 2024, Finansdepartementet (il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż), li jaġixxi bħala l-awtorità maħtura għall-finijiet tal-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, innotifika lill-BERS skont l-Artikolu 458 ta' dak ir-Regolament bl-intenzjoni tiegħu li: (a) jestendi l-limitu minimu medju ta' ponderazzjoni tar-risku ta' 20 % applikabbli għall-iskoperturi Norveġiżi għall-proprjetà immobbli residenzjali sat-30 ta' Ġunju 2025, u jgħollih mill-1 ta' Lulju 2025 għal 25 %; u (b) jestendi l-limitu minimu ta' 35 % applikabbli għall-iskoperturi Norveġiżi għall-proprjetà immobbli kummerċjali għal sentejn wara l-31 ta' Diċembru 2024. Wara talba mill-BERS għal kjarifiki, fit-13 ta' Jannar 2025 waslet verżjoni aġġornata ta' dawn in-notifiki. In-notifiki aġġornati kienu jinkludu wkoll talba lill-BERS biex ikompli jirrakkomanda r-reċiproċità tal-miżuri, fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-BERS ([10]), tirrakkomanda li l-awtorità rilevanti li tattiva miżura ta' politika makroprudenzjali għandha, meta tippreżenta talba għal reċiproċità lill-BERS, tipproponi limitu ta' materjalità li taħtu l-iskopertura ta' fornitur individwali ta' servizzi finanzjarji għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura ta' politika makroprudenzjali tiġi applikata mill-awtorità ta' attivazzjoni tista' titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju. F'konformità man-notifiki riċevuti, il-livell limitu ta' materjalità għar-reċiproċità tal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli għall-proprjetà immobbli residenzjali jibqa' ta' 1 fil-mija tas-self gross tal-proprjetà immobbli residenzjali tal-istituzzjonijiet lill-klijenti Norveġiżi, li jikkorrispondi għal NOK 37,8 biljun mit-30 ta' Settembru 2024. Il-livell limitu ta' materjalità għar-reċiproċità tal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli għall-proprjetà immobbli kummerċjali jibqa' ta' 1 fil-mija tas-self gross kollateralizzat tal-proprjetà immobbli kummerċjali lil klijenti Norveġiżi, li jikkorrispondi għal NOK 9,3 biljun mit-30 ta' Settembru 2024. Iż-żewġ livelli limitu ta' materjalità għandhom japplikaw fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali.

(7) Wara t-talba mill-Finansdepartementet lill-BERS u sabiex: (a) jiġi evitat li jseħħu effetti transkonfinali negattivi fil-forma ta' tixrid u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jiġu kkawżati mill-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali applikata fin-Norveġja; u (b) jinżammu kundizzjonijiet ekwi fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu taż-ŻEE, il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda li jkompli jinkludi dawn il-miżuri fil-lista ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali li huma rrakkomandati li jiġu reċiprokati taħt ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2.

(8) Ir-reċiproċità ta' miżuri makroprudenzjali attivata mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra, fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati humiex miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett, tillimita t-tixrid u l-arbitraġġ regolatorju, tindirizza r-riskji sistemiċi u b'hekk tippromwovi l-effettività ġenerali tal-politika makroprudenzjali billi tiżgura li r-riskji miżjuda jiġu indirizzati mhux biss fl-Istat Membru li introduċa miżura makroprudenzjali iżda wkoll fi Stati Membri oħra fejn il-gruppi bankarji huma esposti għal dawk ir-riskji miżjuda. Ir-rikonoxximent għandu għalhekk ikollu wkoll l-għan li jiżgura li gruppi bankarji esposti għal dawk ir-riskji sistemiċi jkunu reżiljenti biżżejjed. Għalhekk, il-miżuri makroprudenzjali li jirriżultaw minn deċiżjoni li jiġu rikonoxxuti l-miżuri makroprudenzjali ta' Stati Membri oħra għandhom b'mod ġenerali jiġu applikati fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali.

([10]) Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

(9) Din l-emenda għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 ma taffettwax il-kontinwità tar-rakkomandazzjoni għar-reċiproċità tal-miżuri makroprudenzjali nazzjonali attivati mill-awtoritajiet Norveġiżi fl-31 ta’ Diċembru 2020, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjonijiet BERS/2023/1 u BERS/2024/7. L-emendi attwali għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huma relatati primarjament mal-fatt li l-livell minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli għall-iskoperturi tal-proprjetà immobbli residenzjali huwa aġġustat u r-reċiproċità issa hija rakkomandata fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata. Għalhekk, il-perjodu tranżitorju standard ta’ tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta’ din ir-Rakkomandazzjoni f’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* huwa applikabbli biss għall-miżuri, jew l-emendi għalihom, li l-awtoritajiet nazzjonali se jadottaw biex jirreċiprokaw iż-żewġ limiti minimi tal-ponderazzjoni tar-riskju, inkluża ż-żieda fil-limitu medju tal-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli għall-iskoperturi Norveġiżi għall-proprjetà immobbli residenzjali għal 25 % mill-1 ta’ Lulju 2025, fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

(10) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

**EMENDI**

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

(1) fit-Taqsima 1, is-subrakkomandazzjoni C(1), it-tieni u t-tielet miżuri taħt in-Norveġja huma ssostitwiti b’dan i ġej:

“— limitu minimu ta’ 20 % għall-ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għall-iskoperturi għal proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fin-Norveġja applikat f’konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikat fin-Norveġja sat-30 ta’ Ġunju 2025, li jiżdied għal limitu minimu ta’ 25 % mill-1 ta’ Lulju 2025, għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati fin-Norveġja li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji;

— limitu minimu ta’ 35 % għall-ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għall-iskoperturi għal proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fin-Norveġja applikat f’konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif applikat fin-Norveġja, għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati fin-Norveġja li jużaw l-approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji.”;

(2) l-Anness huwa emendat skont l-Anness ta’ din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta’ Lulju 2025

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*F’isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

L-Anness għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tieni u t-tlielet miżuri taħt in-Norveġja huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"— limitu minimu ta' 20 % għall-ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għall-iskoperturi għal proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fin-Norveġja applikat f'konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikat fin-Norveġja sat-30 ta' Ġunju 2025, li jiżdied għal limitu minimu ta' 25 % mill-1 ta' Lulju 2025, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji;

— limitu minimu ta' 35 % għall-ponderazzjonijiet tar-riskju medji (ponderati skont l-iskopertura) għall-iskoperturi għal proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fin-Norveġja applikat f'konformità mal-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif applikat fin-Norveġja, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fin-Norveġja li jużaw l-approċċ IRB għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali regolatorji.";

(2) taħt in-Norveġja, it-taqsima intitolata "I Deskrizzjoni tal-miżura" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"I. Deskrizzjoni tal-miżuri

1. B'effett mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Finansdepartementet (il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż) introduċa tliet miżuri makroprudenzjali, jiġifieri (i) riżerva ta' riskju sistemiku għal skoperturi li jinsabu fin-Norveġja, skont l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE; (ii) livell minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju għal skoperturi għal proprjetà immobbli residenzjali li tinsab fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif applikat fin-Norveġja sat-30 ta' Ġunju 2025 li jiżdied għal livell minimu ta' 25 % mill-1 ta' Lulju 2025; u (iii) livell minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju għal skoperturi għal proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fin-Norveġja, skont l-Artikolu 458(2)(d)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli għan-Norveġja.

2. Ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku hija stabbilita għal 4,5 % u tapplika għall-iskoperturi domestiċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fin-Norveġja, fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali."

3. Il-miżura tal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli residenzjali huwa limitu minimu medju tal-ponderazzjonijiet tar-riskju speċifiku għall-istituzzjoni għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali fin-Norveġja, applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ IRB fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali. Il-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli jikkonċerna l-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura fil-portafoll tal-proprjetà immobbli residenzjali. Skoperturi Norveġiżi ta' proprjetà immobbli residenzjali għandhom jinftiehmu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur kollateralizzati minn proprjetà immobbli fin-Norveġja.

4. Il-miżura tal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli kummerċjali huwa limitu minimu medju tal-ponderazzjonijiet tar-riskju speċifiku għall-istituzzjoni għal skoperturi ta' proprjetà immobbli kummerċjali fin-Norveġja, applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-approċċ IRB fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali. Il-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli jikkonċerna l-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura fil-portafoll tal-proprjetà immobbli kummerċjali. Skoperturi Norveġiżi ta' proprjetà immobbli kummerċjali għandhom jinftiehmu bħala skoperturi korporattivi kollateralizzati minn proprjetà immobbli fin-Norveġja.";

(3) taħt in-Norveġja, it-taqsima intitolata "II. Reċiproċità", il-paragrafu 5b huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5b. Wara t-talba mill-Finansdepartementet, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw kemm il-miżura Norveġiża tar-riżerva għar-riskju sistemiku kif ukoll il-minimi tal-ponderazzjoni tar-riskju billi japplikawhom fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati jkunux miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett.";

(4) taħt in-Norveġja, fit-taqsima intitolata “III. “Limitu ta’ materjalità”, il-paragrafu 8, il-punti (b) u (c) huma mibdula b’dan li ġej:

“(b) għal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli residenzjali, il-livell limitu ta’ materjalità huwa stabbilit għal NOK 37.8 biljun, li jikkorrispondi għal 1 % tas-self gross tal-proprjetà immobbli residenzjali tal-istituzzjonijiet lill-klijenti Norveġiżi sat-30 ta’ Settembru 2024. Il-livell limitu ta’ materjalità għandu jiġi vvalutat fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali. Meta jiġi vvalutat fuq bażi subkonsolidata jew konsolidata, l-iskoperturi kollha miżmuma permezz ta’ fergħat u self transkonfinali dirett u permezz ta’ sussidjarji għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta’ materjalità;

(c) għal-limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju tal-proprjetà immobbli kummerċjali, il-livell limitu ta’ materjalità huwa stabbilit għal NOK 9.3 biljun, li jikkorrispondi għal 1 % tas-self gross kollateralizzat tal-proprjetà immobbli kummerċjali lil klijenti Norveġiżi sat-30 ta’ Settembru 2024. Il-livell limitu ta’ materjalità għandu jiġi vvalutat fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali. Meta jiġi vvalutat fuq bażi subkonsolidata jew konsolidata, l-iskoperturi kollha miżmuma permezz ta’ fergħat u għoti ta’ self transkonfinali dirett u permezz ta’ sussidjarji jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta’ materjalità.”.